MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2005

Appell Kriminali Numru. 248/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt. Marisa Camilleri)**

**Vs**
Jason Desira
Omissis

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-25 ta' Settembru, 1999, ghall-habta ta' 13.00 hrs, gewwa M'Scala :**
**1) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkagunaw ferita ta natura hafifa fuq il-persuna ta' Saviour Buhagiar, skond kif iccertifika Dr. A. Lapira ta' E.N.T. ta' S.L.H;**
**2) fl-istess gurnata w hin zammew jew issekkwestraw il-persuna ta' Saviour Buhagiar, kontra r-rieda tieghu;**
**3) kisru l-bon ordni w l-paci pubblika b'ghajjat u glied;**
**4) qalu kliem oxxen li jien jikkonsisti f'dagha.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Novembru, 2004, li biha, wara li rat l-Artikolu 86 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni w illiberatu minn kull imputazzjoni w htija w iddikjarat l-ewwel, it-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet preskritti.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fit-18 ta’ Novembru, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata in kwantu iddikjarat l-ewwel akkuza preskritta, ssib htija w tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti naqset li tapplika l-provvediment tal-artikolu 221 (1) li jimponi prigunerija w multa w li ghaliha huwa applikabbli l-artikolu 688 (e) tal-Kodici Kriminali u cioe’ l-preskrizzjoni ta’ sentejn u mhux tlitt xhur u ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet zbaljata.

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Rat il-fedina penali tal-appellat Jason Desira esebita mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-lum;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ddikjarat l-ewwel, it-tielet u r-raba akkuzi preskritti w lliberat lill-appellant fuq it-tieni akkuza fil-mertu. Dan l-appell hu limitat biss ghad-decizjoni tal-Ewwel Qorti li biha ddikjarat l-ewwel akkuza preskritta.**

**Illi l-ewwel akkuza hija proprju dik li l-appellant hebb ghal Saviour Buhagiar , b’ oggett iebes (injama) u kkagunalu griehi ta’ natura hafifa skond kif iccertifika Dr. A. Lapira ta’ E.N.T. tal-Isptar San Luqa.**

**Issa huwa car li din l-akkuza, kif impostata, ma taqax taht il-kontravvenzjoni kontemplata fl-artikolu 339 (d) tal-Kodici Kriminali li tittratta l-kontravvenzjoni ta' min ihebb kontra persuna biex jingurjha , idejjaqha jew jaghmillha hsara , ghax din il-kontravvenzjoni tezisti** "*kemm il-darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi dispozizzjoni ohra ta' dan il-Kodici.*"

Issa fil-kaz in ezami, il-Prosekuzzjoni qed takkuza lill-appellant li bhala rizultat tal-hebb, ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Saviour Buhagiar u ghaldaqstant din l-akkuza taqa' taht id-dispozizzjoni tal-artikolu 221 (1) tal-Kodici Kriminali , fejn il-piena ghad-**delitt** t' offiza ta' natura hafifa hija dik ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tlitt xhur jew il-multa.

**Illi ghalhekk il-preskrizzjoni applikabbli skond l-artikolu 688 hija dik ta'** sentejn **skond is-sub-inciz** (e) **u cioe' :- "*ghad-*delitti *suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn sena , jew tal-multa jew ghall-pieni tal-kontravvenzjonijiet*"**

u mhux dik ta' tlitt xhur skond is-sub-inciz (f) applikat mill-Ewwel Qorti (fol.116) .

**Ghalhekk jidher li l-appell tal-Avukat Generali huwa gustifikat u li l-Ewwel Qorti ma setghetx tiddikjara l-ewwel imputazzjoni preskritta biz-zmien ta' tlitt (3) xhur kif ghamlet fis-sentenza appellata (fol. 116) w konsegwentement kellha tiddeciedi fil-mertu dwar din l-imputazzjoni.**

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu ddikjarat li l-ewwel imputazzjoni kienet preskritta w tikkonfermaha fil-kumplament taghha , izda , biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-doppio esame, tirrimetti l-process lill-Qorti tal-Magistrati biex tati d-decizjoni taghha dwar l-ewwel imputazzjoni fil-mertu .**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------